**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

Onor. Imħallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**Rikors Nru: 1174/2021 GG**

**Fl-atti tal-Ittra Ufficcjali Nru 3204/2021 fl-ismijiet:**

**Keith Davis Pace**

**vs**

**Clyde Muscat u Salvatore Muscat**

Illum 6 ta' Diċembru 2023.

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors ta' Clyde Muscat u Salvatore Muscat**, ippreżentat quddiem din il-Qorti, diversament presjeduta, fit-30 ta' Novembru 2021, bis-segwenti premessi u tala :

1. Illi l-esponenti għadhom kif ġew notifikati bl-ittra uffiċċjali hawn fuq imsemmija, liema ittra uffiċċjali saret sabiex kambjala tigi reża eżekuttiva.

2. Illi l-esponenti għandhom raġunijiet gravi u validi sabiex jopponu tali eżekuzzjoni kif għandhom dritt jagħmlu ai termini tal-proviso għall-Artikolu 253 (e) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Illi r-raġunijiet huma s-segwenti:

a) Illi nhar it-2 ta' Lulju 2019 ir-rikorrenti kienu ffirmaw skrittura privata li permezz tagħha sar ftehim sabiex l-intimat Keith Davis Pace jittrasferixxi lill-esponent Salvatore Muscat sitt mitt (600) sehem ordinarju li l-intimat għandu fil-kumpanija S&K Watersports Ltd. (C-81678), u Clyde Muscat jintrabat bħala garanti fuq dan l-istess ftehim;

b) Illi r-rikorrenti kienu mitluba jiffirmaw dik l-iskrittura fil-presenza ta' ħu l-intimat, Jonathan Pace, detentur ta' Karta ta' l-Identita` bin-numru 248874M, bħala xhud, waqt li l-intimat innifsu ma kienx preżenti għall-iffirmar, kif jirriżulta mill-anness *Share Transfer Agreement*, Dokument 'A';

c) Illi f'dik l-istess okkażjoni r-rikorrenti kienu wkoll ġew mitluba jiffirmaw il-kambjala, mertu ta' din il-kwistjoni, in bjank, mingħajr ma ġew imniżżla d-data ta' meta dak l-ammont isir pagabbli, kif ukoll il-firma tat-traent, l-intimat Keith Davis Pace;

d) Illi r-rikorrent Salvatore Muscat kien ħallas is-somma ta' mija w għoxrin Euro (€120.00) bħala prezz għat-trasferiment tal-imsemmija 600 sehem ordinarju;

e) Illi r-rikorrenti jsostnu li wara li ffirmaw dik l-iskrittura privata u l-kambjala in bjank, huma qatt ma ffirmaw ebda dokumenti oħra relatati ma' dan l-istess ftehim dwar trasferiment ta' ishma;

f) Illi fil-fatt, l-imsemmi trasferiment jidher li qatt ma seħħ u dan kif jirriżulta minn riċerka fir-Reġistru tal-Kumpaniji, kif reċentement aġġornata, u dan kif jirriżulta mill-Memorandum & Articles of Association tal-kumpanija S&K Watersports Ltd. (C-81678);

g) Illi, għalhekk, is-somma pretiża mill-intimat mhix dovuta ladarba l-imsemmija ishma qatt ma ġew trasferiti favur ir-rikorrent Salvatore Muscat;

h) Illi, fil-frattemp, l-intimat Keith Davis Pace rreżenja minn Direttur u Rappreżentat Legali tal-kumpanija S&K Watersports Ltd., iżda baqa' jidher bħala azzjonist tal-istess kumpanija;

i) Illi r-rikorrent Clyde Muscat, minbarra li huwa l-uniku azzjonist ieħor, apparti l-intimat Pace, fil-kumpanija S&K Watersports Ltd., preżentement huwa l-uniku Direttur u Rappreżentat Legali tal-istess kumpanija;

j) Illi mir-riċerka fir-Reġistru tal-Kumpaniji jidher illi l-indirizz tal-kumpanija S&K Watersports Ltd. baqa' dejjem irreġistrat bħala l-indirizz tan-negozju ta' l-intimat Pace;

k) Illi meta r-rikorrenti għamlu talba għal ċertu informazzjoni mingħand l-accountant imqabbad mill-intimat fir-rigward tal-kumpanija S&K Watersports Ltd., dan saħansitra` rrifjuta li jagħti kwalsiasi informazzjoni lir-rikorrenti ħlief fil-presenza tal-intimat;

l) Illi r-rikorrenti għandhom dubji serji dwar x'ġara minn cheque ta' rifużjoni ta' Taxxa fuq il-Valur Miżjud pagabbli lill-kumpanija S&K Watersports Ltd. għas-somma ta' erbat elef mitejn u tnejn u tmenin Euro u għaxar ċenteżmi (€4,282.10);

m) Illi a bażi ta' dan il-fatt u ċirkostanzi oħra li rriżultaw lir-rikorrenti, jidher illi din it-talba għal ħlas tal-intimat fiha element ta' frodi;

n) Illi, fil-fatt, ir-rikorrenti, ġabu dan il-fatt a konjizzjoni tal-awtoritajiet relativi, cioe` il-*Financial Crimes Investigations Department*;

4. Illi, in vista tas-suespost, jeżistu raġunijiet gravi u suffiċjenti sabiex tiġi sospiża l-eżekuzzjoni tal-kambjala msemmija fl-Ittra Uffiċċjali fl-ismijiet hawn fuq imsemmija.

5. Għaldaqstant, ir-rikorrenti jitolbu, bir-rispett, illi din l-Onorabbli Qorti, jogħġobha tissospendi l-eżekuzzjoni tal-kambjala annessa mal-ittra uffiċjali tat-2 ta' Awissu bin-numru: 3204/2021.

3. Rat ir-**Risposta tal-intimat Keith Davis Pace**, ippreżentata quddiem din il-Qorti, diversament presjeduta, fil-11 ta' Mejju 2022, li permezz taghha wiegeb bil-mod segwenti:

Illi permezz tar-rikors promutur ir-rikorrenti Muscat qedin jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha "*tissospendi l-ezekuzzjoni tal-kambjala annessa mal-ittra ufficjali tat-2 ta' Awissu bin-numru 3204/2021*" u dana ghar-ragunijiet hemm imsemmija;

Illi tar-rikorrenti Muscat hija imsejsa fuq il-proviso tal-artikolu 253 (e) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta liema proviso jaqra hekk:

"*B'dan iżda illi l-qorti kompetenti skont il-valur tal-kambjala jew promissory note tista', b'digriet li majkunx appellabbli, tissospendi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew promissory note kollha jew f'parti minnha u sew suġġett għal garanzija kif ukoll mingħajrha, fuq rikors tal-persuna li tkun qed topponi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew promissory note kif fuq imsemmi, u li għandu jsir fi żmien għoxrin jum min-notifika tal-ittra uffiċjali li tintbagħat biex tirrendi l-istess kambjala jew promissory note esegwibbli, minħabba illi l-firma fuq dik il-kambjala jewpromissory note ma tkunx tagħha jew tal-mandatarju tagħha jew fejn dik il-persuna tressaq raġunijiet oħra gravi u validi biex topponi dik l-eżekuzzjoni u f'dak il-każ biex persuna tesiġi l-ħlas ta' dik il-kambjala jew promissory note tkun trid tipproċedi b'kawża skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ.*"

Illi ghandhu jinghad li qabel kull konsiderazzjoni ohra irid jigi verifikat jekk r-rikors odjern giex effettivament intavolat entro l-perjodu perentorju stabbilit fl-istess proviso u dana ghaliex kull konsderazzjoni ohra tkun futili jekk tali rikos huwa *fuori termine*;

Illi fir-rigward tan-natura tal-procedura ai termini tal-proviso tal-artikolu 253 (e) tal-Kap 12, bhal ma huwa r-rikors odjern bin-numru 1174/2021NC, u l-indagini li ghandha taghmel l-Onorabbli Qorti fi proceduri bhal dawn issir riferenza ghad-digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti, kif presjeduta, tat-30 ta' Marzu 2022 fil-kawza fl-ismijiet Princess Holdings Limited et. vs. Moira Micallef (Rik. Nru: 144/2022NC) fejn fost affariijiet

ohra gie iccitat b'approvazzjoni id-digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti, diversament presjeduta, tal-20 ta' Dicembru 2021 fil-kawza fl-ismijiet Princess Holding Limited vs. Wesley Kock (Rik. Nru: 1168/2021) fejn gie insenjat hekk:

"*Tant kemm xogħol il-qorti f'din il-proċedura mhuwiex li toqgħod tistħarreġ il-mertu ta' xi kwistjoni li tolqot is-siwi tal-kambjala nnifisha, joħroġ mill-fatt li l-liġi trid li deċiżjoni marbuta mas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-kambjala ma titteħidx b'sentenza iżda tingħata b'digriet*"

Illi fl-istess digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti, kif presjeduta, iccitat ukoll b'approvazzjoni d-digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti, diversament presjeduta, tas-17 ta' Gunju 2015 fl-ismijiet Daniel Borg vs Mark Casha (Rik. Nru: 85/2015) fejn gie insenjat hekk:

*"Tqis illi din hija proċedura preliminari ta' stħarriġ u verifika fejn il-Qorti tista' tordna s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' kambjala jew promissory note bħala titolu eżekuttiv f'każ li minn din il-proċedura preliminari jirriżulta prima facie (i) illi l-firma fuq il-kambjala jew promissory note ma tkunx ta' min ikun qed jopponi għall-eżekuzzjoni tagħha jew tar-rappreżentant tiegħu jew (ii) ikunu jeżistu raġunijiet oħra gravi u validi biex issir oppożizzjoni għal dik l-eżekuzzjoni."*

Illi minn kliem il-Ligi u mill-gurisprudenza citata jirrizulta evidenti li huma tnejn l-eċċezzjonijiet li jista' jagħti persuna li trid topponi l-eżekuzzjoni ta' kambjala u cioe:

(i) li l-firma fuq il-kambjala m'hijiex tal-persuna li qed topponi l-ezekuzzjoni; jew
(ii) li hemm raġunijiet oħra gravi u validi;

Illi dawn iz-zewg eccezzjonijiet ser jigu trattati fl-istess kronologija li jinsabu fil-Ligi;

**(1) L-Ewwel Eccezzjoni**

Illi dina l-ewwel eccezzjoni tissejjes fuq l-allegazzjoni li l-firma fuq il-kambjala ma hijiex tal-persuna li qed topponi l-ezekuzzjoni;

Illi fir-rikors promutur ta' Muscat jammettu li huma iffirmaw l-imsemmija kambjala u dana fil-paragrafu 3 (c) tar-rikors promutur u ghalhekk ma ghandhux ikun hemm dubbju li l-firem fuq il-kambjala mertu tal-ittra ufficjali 3204/2021 huma ta' Clyde Muscat u Salvatore Muscat;

Illi fi kwalunkwe kaz, fir-rikors promutur ma saret ebda sottomissjoni jew allegazzjoni li l-firem fuq l-imsemmija kambjala ma humiex ta' Clyde Muscat u Salvatore Muscat u ghalhekk gialadarba dina l-kwistjoni ma tiffurmax parti mill-kawzali tar-rikors promutur dina l-Onorabbli Qorti, bid-dovut rispett, hija prekluza milli tiddeciedi dwar l-istess;

Illi ghalhekk certament li l-ewwel eccezzjoni stipulata fil-proviso tal-artikolu 253 (e) tal-Kap 12 ma tissussitiex;

**(2)** **<u>It-Tieni Eccezzjoni</u>**

Illi dina t-tieni eccezzjoni tissejjes fuq l-allegazzjoni li jezistu raġunijiet oħra gravi u validi li jiggustifikaw l-persuna topponi l-ezekuzzjoni ta' kambjala;

Illi dwar il-kwistjoni ta' x'ghandhom ikunu raġunijiet gravi u validi għat-twaqqif tal-eżekuzzjoni ta' kambjala issir riferenza ghas-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-28 ta' Marzu 2022 fil-kawza fl-ismijiet Motors Inc Limited vs Christ Scerri (Rik. Nru: 129/2021 VGA) fejn gie insenjat hekk:

"*Kif sew qalet din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet: Mario Muscat v. Lindsay Portelli (Rik. Nru. 241/2018 RM, deċiża 8.10.2020):*

*"Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-iskop tar-ragunijiet gravi u validi prospettati mis-subinciz (e) tal-Artikolu 253, ma jistax ikun iktar estensiv mill-iskop tar-ragunijiet elenkati mill-Kodici tal-*

*Kummerc li minhabba fihom kambjala tista' tinzamm milli tithallas. Kull ma trid il-ligi f'din il-procedura hu li l-qorti tara jekk, prima facie, hemmx ragunijiet serji bizzejjed biex tissospendi l-ezekuzzjoni tal-kambjala, u dan sabiex f'kaz affermattiv, ir-rikorrent ikollu l-opportunita` jikkontesta l-kawza eventwali li, f'kaz li tintlaqa' t-talba tieghu ghas-sospensjoni, tkun trid issir mill-kreditur. Billi f'kawza bhal dik, l-eccezzjonijiet li jistghu jiġu sollevati mill-konvenut huma tassew limitati, hija wkoll il-mansjoni tal-qorti f'proceduri bhal dawn, taht l-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12, illi tiddetermina jekk il-konvenut ikunx jista' jressaq b'success dawn l-eccezzjonijiet f'kawza eventwali"*

*Rigward ir-raġunijiet elenkati fil-Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta, fis-sentenza fl-ismijiet: Guillaumier Industries Ltd. v. Victor Vella et' deċiża fl-4 ta' Diċembru 1998 intqal: "Illi a bazi ta' dan l-Artikolu gie deciz li "l-iskop tal-ligi huwa carissimu. Il-kawza proposta a bazi ta' kambjala ghandha tigi mill-Qorti trattata bl-akbar ċelerita'possibbli ... ... ..." "Il-kambjala hija proprju l-istrument kummercjali nventat biex appuntu jassigura din il-heffa u l-ghaggla fic-cirkontrazzjoni tal-krediti u d-dejn u sabiex tirrispetta u kemm jista' jkun tiggarantixxi li l-processi kummercjali jkunu animati mill-istess esigenzi. Biex tassigura din ic-celerita', l-ligi tiffrena l-eccezzjonijiet li jistghu jinghataw kontra possessur tal-kambjala biex dawn ma jittardjawx il-kanonizzazzjoni ta' mport ta' kambjala. Tammetti eccezzjonijiet biss meta dawn ikun ta' faċli soluzzjoni" Dan isir peress li skond kif gie affermat fis-sentenza 'Charles Gatt noe v. Joseph Vassallo Gatt noe' (K. (J.D.C) 15 ta' Novembru 1993):"appena kambjala tiġi ammessa, tiġi krejata obbligazzjoni 'ad hoc', ghal kollox indipendenti u separata minn kwalunkwe obligazzjoni li setghet ipprecedietha. Ghalhekk f'kawza bhal din, l-eccezzjonijiet ammissibbli huma generalment limitati ghall-kambjala nnifisha u bhala regola m'ghandhomx jiġu permessi eccezzjonijiet li jikkonċernaw obligazzjonijiet precedenti." Dan l-istess insenjament gie segwit f'diversi sentenzi oħra fosthom John Mary Sammut v. Michael Cassar(App K. 14 ta' Ottubru 1991) u George Zahra v. Alfred Borg (K. (JSP) 28 ta' April 1995)*

*fejn il-Qrati rriferew ghall-gurisprudenza konstanti li fl-azzjoni kambjarja huma permessi biss eccezzjonijiet li jikkontestaw il-validita formali tal-kambjala in kwantu jallegaw li din tkun fuq il-wicc taghha inoltre f'xi wahda mill-elementi kostitwiti essenzjali taghha kif trid il-ligi (Vide Vol XXIX P 1528 – Vol XXIX. 1. 1136) u l-istess John Portelli v. Charles Vella (K.C.D. 30 ta' Awissu 1989); dawn il-principji gew ilkoll elenkati fis-sentenza tal-Qorti Civili Prim'Awla tal-5 ta' Ottubru 2000 fl-ismijiet Ronald Micallef et v. Subway (Malta) Limited (Cit. Nru. 273/2000/RCP). Fil-kawza fl-ismijiet 'Salamone vs Rao' tad-9 ta' Frar 1906, moghtija mill- Onorabbli Qorti tal-Kummerc intqal illi:- "Attesocche' le eccezioni date dal convenuto, quantunque personali all'attore, sono di lunga indagine e quindi, secondo il disposto nell'articolo 181 dell'Ordinanza XIII del 1857, la loro cognizione dev'essere rimandata a separato giudizio;" Fl-4 ta' Frar 1907, l-istess Qorti tal-Kummerc, fil-kawza fl-ismijiet Zammit vs Scicluna qalet illi:- "Attesocche' secondo la pratica costante di questo tribunale il pagamento di una cambiale accettata e scaduta viene sempre ordinato quando le eccezioni sono tali da richiedere lunga indagine, sotto quelle cautele che il prudente arbitrio della Corte credesse opportuno;" Fl-10 ta' Mejju 1913, fil-kawza fl-ismijiet 'Sultana vs Pecorella' gie riaffermat li:- "Atteso che per legge espressa, eccezioni di lunga indagine, come quelle apposte dal convenuto non possono ritardare il pagamento di cambiali scadute. La Corte deve ordinare il pagamento con o senza cauzione e rimettere la cognizione delle eccezioni a separato giudizio"; Fl-ahhar u mhux l-inqas fil-kawza fl-ismijiet "Aldo Vella v Vincent Lofaro et noe" - deciza mill- Qorti tal-Kummerc fit-8 ta' Marzu 1977, gie ritenut li "L-azzjoni kambjarja hi azzjoni awtonoma u dak li ghandu jigi rigwardat f'azzjoni simili – salv naturalment il-kazi kongruwi fejn xi eccezzjoni ta' indoli reali tkun tirrikjedi li jsir mod iehor...huwa bhala regola r-relazzjoni bejn it-traent u trattarju kif emergenti minn wicc il-kambjali stess."*

*Issa fil-każ in eżami r-rikorrent qed jgħid illi huwa safa ingannat għaliex il-vettura li akkwista mill-intimata kienet afflitta minn difetti moħbija u/jew ma' kienetx tal-kwalità*

*pattwita. Dwar dan intqal hekk fis-sentenza fl-ismijiet Joseph Mamo (ID 772455M) v. Joseph Zammit (ID 0078967M) (Rik. Nru. 981/2013 JZM): "Kif ifisser ir-rikorrent fin-nota ta` sottomissjonijiet tieghu, dawn il-lanjanzi partikolari jirrigwardaw allegata inadempjenza kontrattwali da parti tal-intimat; apparti li fil-kaz ta` kambjala minnhom isostni li hlas diga` sar. Kuntrarjament ghal dak li jsostni r-rikorrent, il-Qorti f`dan l-istadju m`ghandhiex tinvestiga dawn it-tip ta` lanjanzi. Taghmel riferenza ghas-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-25 ta` Frar 2004 fil-kawza "Integrated Electronics Limited vs Goldkraft Limited". Hemm inghad hekk :- Issa skond il-prattika kostanti ta` dawn il-Qrati l-hlas tal- kambjali li tkun accettata u skaduta tigi dejjem ordnata meta l-eccezzjonijiet ikunu tali li jehtiegu indagini twila, salvi l-kawteli li l-Qorti jidhrilha opportuni, kompriz li tirrizerva l eccezzjonijiet ghal kawza separata. Jibqa` pero` vitali l-Art 198 (2) tal-Kodici tal-Kummerc illi l-kundanna ghall-hlas tal-kambjala, bil-garanzija jew minghajrha, m`ghandhiex tkun imdewma. Hekk allura l-Qorti ma tistax, ad exemplum, tinkariga periti bl-inkariku li jezaminaw eccezzjoni tax-xorta bhal dik sollevata f`din l- istanza. Ara "Professur Carlo Mallia noe –vs- Mariano Accarino noe", Appell Kumm, 22 ta` Novembru 1937. Kif inghad fil-kawza "Francesco Zammit nomine –vs- Paolo Scicluna noe", Qorti tal-Kummerc, 4 ta` Frar 1907 (Vol XX pIII p15) - u dan kien kaz fejn kien qed jigi allegat li l-merce mixtrija kienet iddeterjorat – "secondo la pratica di questi tribunali il pagamento di una cambiale accettata e scaduta viene sempre ordinato quando le eccezzioni siano tali da richiedere lunga idagine sotto quella cautela che il prudente arbitrio della Corte credesse opportuno". Dan it-taghlim sekolari baqa` jigi sostenut anke fiz-zmenijiet recentissimi, kif manifest fis-sentenzi fl-ismijiet "United Acceptances Finance Limited –vs- Mario Grech pro et noe", Appell, 6 ta` Ottubru 2000 u "Jet-Tech Limited –vs- Marcon Coppola", Appell, 13 ta` Marzu 2001, fost bosta ohrajn. Dan huwa anke evidenti minn din is-silta mehuda mid-decizjoni fl-ismijiet "Adrian Busietta noe –vs- Marco Attard noe", Appell, 9 ta` Frar 2001 :- "Issa filwaqt li hu minnu illi 'l-eccezzjonijiet personali huma opponibbli ghall-possessur tal-kambjali li qed jitlob il-hlas*

*taghha u jistghu jirrigwardaw tant l-origini tal-obbligazzjoni kemm l-ezercizzju taghha' (Vol XXX pIII p499), u dan a vantagg tal-konvenut kjamat biex jonora l-kambjala, kellu jkun ovvju li l-oggett tal-azzjoni kambjarja ma setax u ma ghandux ikun konfuz mal-oggett li kien jifforma l-obbligazzjoni naxxenti minn negozju u li ta lok ghal hrug taghha. Il-ligi stess proprju bl-insistenza fuq l-awtonomija ta` l-azzjoni kambjarja u bil-limitazzjoni tal-eccezzjonijiet li setghu jinghataw ghaliha, kif ukoll bl-insistenza fuq l-ispeditezza fid-determinazzjoni tal-azzjoni, kienet tiddistingwi u ssalva n-negozju originali li jibqa` soggett ghal verifika u kontestazzjoni, anke wara li tkun giet onorata l-kambjala b`konsegwenza tal-ezekuzzjoni tas-sentenza fuqha moghtija."*

*Din il-Qorti tagħmel tagħha l-insenjament għaqli tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża appena ċitata u tqis illi r-raġunijiet mogħtija mir-rikorrenti għat-twaqqif tal-eżekuzzjoni tal-kambjali de quo ma' jistgħu qatt ikunu dawk ir-raġunijiet "gravi u validi" li kellu f'moħħu l-leġislatur meta daħħal fil-liġi l-Art. 253(e) u dan għaliex dawn jirrikjedu indaġini fid-dettal li tiżboq analiżi fuq livell ta' prima facie"*

Illi applikat l-insenjament tal-gurisprudenza fuq citata ghall-mertu tar-rikors numru 1174/2021NC ghandhu jkun mill-aktar ovvju li t-talba tas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-kambjala mertu tal-ittra uffijali numru 3240/2021 ghandha tigi michuda;

Illi jigi rilevat illi permezz ta' skrittura datata 2 ta' Lulju 2019 Keith Davis Pace ittrasferixxa ghal favur ta' Salvatore Muscat 600 sehem li Pace kellhu fil-kumpannija S&K Watersports Limited (C81678), liema fatt jirrizulta mid-dokument hawn anness u markat bhala Dok.A;

Illi f'dana r-rigward r-rikorrenti Muscat filwaqt li jaqblu li huma iffirmaw tali share transfer agreement, jikkontendu li l-esponent Pace ma kienx prezenti ghall-iffirmar tal-istess u dana skond huma hija xi raguni gravi li ghandha tiggustifika

s-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjala mertu ta' dawn il-proceduri.

Izda dan ma huwiex il-kaz ghaliex l-iffirmar ta' skrittura privata ma hijiex rikjesta li issir kontestwalment *ad validatem*, bhal kuntratti pubblici, u ghalhekk il-fatt li Keith Davis Pace iffirma l-imsemmija skrittura wara ma jnaqqas xejn mill-validita tal-istess skrittura.

Illi r-rikorrenti Muscat ikomplu jikkontendu li dakinhar stess gew mitluba li jiffirmaw l-kambjala mertu ta' dawn il-proceduri "in bjank" minghajr ma gew imnizzla d-data ta' meta dak l-ammont isir pagabbli, kif ukoll minghajr il-firma tat-traent Keith Davis Pace;

Illi f'dana r-rigward ghandhu jigi iccitat l-insejament ta' dina l-Onorabbli Qorti, diversament presjeduta, fis-sentenza tal-20 ta' Dicembru 2021 fl-ismijiet Princess Holdings Limited vs Wesley Kock (Rik. Nru: 1168/2021 CFS) fejn intqal hekk:

"*Il-firma tat-traent hija meħtieġa għas-siwi tal-kambjala għaliex mingħajrha l-ebda azzjoni ma tista' titmexxa kontra l-aċċettant jew trattarju. Għalkemm ta' min iżid, li m'hemmx bżonn li l-firma ssir malli tinħareġ il-kambjala, tant li ġie aċċettat li din il-firma min-naħa tat-traent tista' ssir saħanistra anke wara li tinfetaħ kawża għall-ħlas tal-kambjali u dan bit-tħaddim tal-prinċipju tal-ius superveniens (ara John Giordmaina v. Joseph Pace et deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Lulju, 2006, Anthony Attard et v. Anthony Ellul et deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Ġunju, 2007 u Mario Sciberras v. Emanuel Zammit et deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' April, 2008);*"

Illi fil-fatt kif jirrizulta mid-dokument hawn anness u markat bhala Dok. B, l-kambjala mertu ta' dawn il-proceduri hija debitament iffirmata mill-esponent u kienet hekk iffirmata anke meta giet intavolata l-ittra ufficjali numru 3240/2021 (kif jirrizulta mid-dokument anness mal-ittra ufficjali numru 3204/2021);

Illi ma dan ghandhu jizdied il-fatt li l-informazzjoni kollha li hemm inkluza fil-kambjala mertu ta' dawn il-proceduri tirrispekja dak kollhu pattwit fil-ftehim tat-2 ta' Lulju 2019, inkluz l-ammont dovut u d-data meta kellha timmatura l-istess kambjala, u ghalhekk kull insinwazzjoni da parti tar-rikorrenti Muscat illi seta kien hemm xi frode da parti tal-esponent Pace hija ghal kollox malafamanti u fir-rigward ta' liema qed jirriserva d-drittijiet tieghu kollha skond il-Ligi;

Illi f'dana l-kuntest r-rikorrenti Muscat ma jaghmlu ebda allegazzjoni li l-informazzjoni li hemm imnizzzla fil-kambjala hija skorretta u ghalhekk ghandhu jitqies li huwa ammess li tali informazzjoni hija korretta ukoll;

Illi r-rikorrenti Muscat ikomplu jikkontendu li effetivament s-share transfer tas-600 sehem f'isem Salvatore Muscat qatt ma avvera ruhu mar-Registratur tal-Kumpanniji u konsegwentement, skond Muscat, l-ammont indikat fil-kambjala ma huwiex dovut;

Illi jibda sabiex jinghad li kienet r-responsabbilita u fl-interess ta' Muscat li s-share transfer kontemplat fl-iskrittura tat-2 ta' Lulju 2019 jigi debitament registrat u jekk naqsu milli jaghmlu dan ghandhu japplika l-insenjament *imputet sibi*;

Illi ma dan ghandhu jizdied il-fatt illi l-esponent Pace kien interpella lill-istess Salvatore Muscat sabiex jipprocedi bir-registrazzjoni tal-istess ishma u dana permezz ta' ittra legali mibghuta mill-Avukat sottoskritt (kopja informali hawn annessa u markata Dok.C), izda l-istess Salvatore Muscat injora tali interpellazzjoni;

Illi ukoll ghandhu jinghad li l-awditur Kenneth Vella kien insista diversi drabi ma' Muscat sabiex jirregistraw l-imsemmi *share transfer* izda Muscat baqghu dejjem inadempjenti. F'dana l-kuntest ghandhu jigi rilevat li mhux talli mhux minnhu dak mistqarr minn Muscat fil-paragrafu (k) tar-rikors promutur izda ghal kuntrarju kien l-istess

Kenneth Vella li kien qed jinsisti li Muscat jghaddu biex jirregistraw l-imsemmi *share transfer*;

Illi ukoll ghandhu jinghad illi l-ammont indikat fil-kambjala ma huwiex l-konsiderazzjoni tat-trasferiment tal-ishma izda huwa rifuzjoni ta' *shareholder's loan* maghmula mill-esponent Pace lill-kumpannija S&K Watersports Limited u ghalhekk kull sottomissjoni dwar ir-registrazzjoni tat-trasferiment tal-ishma hija ghal kollox irrelevanti;

Illi f'dana l-kuntest ukoll jigi rilevat illi mid-data tar-rizenja ta' Pace minn direttur u segretarju tal-kumpannija S&K Watersports Limited, u cioe mis-7 ta' Settembru 2019, il-kumpannija S&K Watersports Limited giet gestita esklussivament mir-rikorrenti Muscat u kull entrojtu ibbenefikaw minnhu esklussivament Muscat.

Illi aktar minn hekk jirrizulta li diversi assi li kellha l-kumpannija S&K Watersports Limited gew mibjugha minn Muscat u r-rikavat tal-istess ibbenefikaw minnhu esklussivament Muscat;

Illi izda min-naha l-ohra qed jippretendu li Pace jibqa ma jithallasx dak lilhu dovut;

Illi jekk hemm xi element ta' frode dan certament huwa attribwibbli interament lil Muscat !!!!

Illi dan kollhu qed jinghad minghajr pregudizzju ghall-fatt li fin-natura taghha l-kambjala hija obbligazzjoni awtonoma u indipendenti mill-*causa obligationis* anke meta ma tkunx giet girata u f'dana l-kuntest issir riferenza ghall-istudju apprfondit maghmula mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-sentenza taghha tat-28 ta' Marzu 2022 fil-kawza fl-ismijiet Motors Inc Limited vs Christ Scerri (Rik. Nru: 129/2021 VGA), u ghas-skans ta' ripetizzjoni qed tigi annessa kopja tal-istess sentenza li qed tigi immarkata bhala Dok.D.

Illi applikat dak l-insenjament tal-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna ghal kaz odjern huwa mill-aktar evidenti li kull sottomissjoni li jaghmlu Muscat in konnessjoni mal-iskrittura tat-2 ta' Lulju 2019 u n-negozju hemm kontemplat huma ghal kollox estranji ghall-mertu odjern u dana stante li hawn si tratta ta' kambjala li hija fin-natura taghha obbligazzjoni awtonoma u indipendenti;

Illi ma dan ghandhu jizdied il-fatt li, kif fuq espost, l-oppozizzjoni li tista issir ghall-ezekuzzjoni ta' kambjala hija wahda limitata, u li fil-kaz odjern certament ma jissusisthux;

Ghaldaqstant l-esponent Keith Davis Pace, filwaqt li jirriserva li jaghmel sottomissjonijiet ultejuri, umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talba tar-rikorrenti Muscat imressqa minnhom fir-rikors numru 1174/2021 NCipprezentat fit-30 ta' Novembru 2021, bl-ispejjes kontra l-istess rikorrenti Muscat;

Rat id-dokumenti annessi mar-rikors promutur u mar-risposta[1].

Rat il-bqija tad-dokumenti pprezentati fl-atti.

Semghet lix-xhieda mressqa mill-partijiet.

Rat li l-procediment thalli ghal-lum ghad-digriet.

**Ikkunsidrat :**

1. Illi dan huwa procediment fit-termini tal-**art. 253(e)** tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li Clyde Muscat u Salvatore Muscat (minn issa "ir-Rikorrenti") qed jipprosegwu kontra Keith Davis Pace (minn issa "l-intimat") ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjala datata 2 ta' Lulju 2019 li l-istess rikorrenti ffirmaw favur l-Intimat ghall-hlas tas-somma ta' hamsin elf disa' mija u erbgha u erbghin Ewro u dsatax-il centezmu (€50,944.19) fit-30 ta' Settembru 2019. Kopja ta'

[1] Doki. A sa D, fol. 24 sa 44

din il-kambjala tidher ezibita bhala 'Dok. B' mar-Risposta intavolata minn Keith Davis Pace[2]. Ir-rikorrenti pero' naqsu li jipprezentaw kopja tal-ittra ufficjali li permezz taghha din il-kambjala kienet reza ezekuttiva.

2. F'affidavit mressaq minn Saviour Muscat jirrakkonta l-verzjoni tieghu tal-istorja tan-negozju bejnu u l-Intimat Keith Davis Pace, u missieru Raymond Pace. Jghid li din ir-relazzjoni bdiet ghall-habta tas-sena 2016. Bdew shab fin-negozju fuq zewg lifters, u mbaghad ftiehmu li jidhlu shab ukoll f'negozju ta' water sports. Dan wassalhom biex xtraw xi attrezzi tal-bahar ghal dan in-negozju, u ffurmaw kumpanija bl-isem S & K Limited ghall-istess skop. Ir-rikorrent ta elenku tal-bcejjec tal-bahar, u l-ghodda li xtraw, u tal-ammonti li hallas hu ghall-istess bcejjec u ghodda. Skond ir-rikorrent, minkejja dawn l-ispejjez ingenti, Kieth Davis Pace ma riedx jopera dan in-negozju u fil-frattemp, missieru biegh in-negozju fl-istess qasam li kellu f'Portomaso. Ir-rikorrent xtara permess ghal negozju gdid, fl-istess qasam, band'ohra (Paradise Bay Hotel), pero' l-Intimat u missieru ma kinux interessati jidhlu partecipi f'dan in-negozju, u ftit ftit ir-relazzjoni ta' bejniethom spiccat. Eventwalment, ftiehmu fuq it-trasferiment tal-apparat u l-attrezzi li kienu xtraw biex joperawhom flimkien, u dan it-trasferiment kellu jsir favur ir-Rikorrenti.

3. Skond ir-rikorrent Saviour Muscat, il-ftehim fuq il-prezz tad-dghajjes u l-attrezzi, u l-arrangament shih bejn iz-zewg nahat baqa' ma sar qatt, ghaliex kienu miftiehma li jattendu flimkien ghand Nutar biex jiftiehmu fuq kollox, u jaghmlu skrittura, u dan qatt ma gara. Skond hu, l-iskrittura li fuqha l-intimat iserrah il-pretensjoni tieghu ghall-hlas saret biss '*biex ikun hemm xi haga bil-miktub billi sa dak inhar qatt ma ktibna xejn bejnietna billi konna hbieb sew'*.[3] Ir-rikorrent jinsisti li hu ma kienx f'qaghda jhallas is-somma indikata fiz-zmien imsemmi, u li missier l-Intimat ma kienx ikkuntrarjah, anzi ttamah li jiltaqghu u jiftiehmu fuq il-pagamenti 'l quddiem. Huwa jghid ukoll li l-kambjala ffirmaha in bjank.

4. Saviour Muscat jiddikjara li, effettivament, hadu kontroll tal-kumpanija fis-sena 2020 ghaliex l-Intimat irrizenja minn direttur taghha, u kien f'dak iz-zmien li huwa rreigstra d-dghajjes biex ikun jista' jahdem. Skond Muscat, l-

[2] Fol. 27
[3] Fol. 51

accountant li kien jiehu hsieb l-affarijiet tal-kumpanija ma tahx sodisfazzjon ghax qallu li kien iwiegeb biss lil Raymond Pace, missier l-Intimat.

5. Ghalkemm harget tahrika sabiex ir-Rikorrenti jattendu biex jixhdu fuq talba tal-Intimat, inkluz in kontroezami, din it-tahrika ma waslitx ghandhom, u min-naha taghhom naqsu li jidhru u jkomplu jippartecipaw fil-procedura wara li tressaq dan l-affidavit.[4]

6. **L-Intimat** xehed quddiem din il-Qorti, u ressaq b'xhieda tieghu lil huh Jonathan Pace, u lill-*accountant* Kenneth Vella.[5]

7. Jonathan Pace qal li jigi hu l-Intimat Keith Davis Pace, u kkonferma li dan kellu kumpanija bi shab ma' terzi bl-isem S & K Water Sports[6]. Qal li n-negozju li kellu jsir in-naha ta' San Giljan ma setax isir, imbaghad is-sieheb l-iehor Muscat (ir-Rikorrenti) ried jimxi bin-negozju ghal Paradise Bay, u ftiehmu li ma jkomplux flimkien u li Muscat jixtri sehem l-Intimat fil-kumpanija. Il-prezz kellu jkun daqs il-flus li kienu hargu, bla ebda kunsiderazzjoni mizjuda, u ghal dan il-ghan kien gie ffirmat ftehim ghand l-accountant tal-kumpanija Kenneth Vella, li huwa dak datat 2 ta' Lulju 2019, u ezibit fl-atti. Vella gera wara r-Rikorrenti biex dan it-trasferiment ta' ishma jigi formalizzat mal-Malta Business Registry, pero' dan baqa' ma sehhx. L-ammont li kellu jithallas baqa' ma thallasx ghalkemm l-Intimat irrizenja minn direttur ta' din il-kumpanija kif miftiehem. Min-naha taghhom, ir-Rikorrenti hadu kontroll tal-ingenji u nnegozjawhom kif ghazlu huma, u ghall-vantagg esklussiv taghhom, filwaqt li ohrajn baqghu joperawhom huma stess.

8. Din il-verzjoni tal-fatti kkonfermaha l-Intimat, li ddikjara li sal-lum baqa' ma thallasx l-ammont dovut.

9. L-*accountant* **Kenneth Vella** xehed li r-Rikorrent Keith Pace kien ftiehem mal-intimati li jittrasferilhom l-ishma tieghu fil-kumpanija msemmija, u talbuh jipprepara *share transfer agreement*, u l-formoli li jsegwu ghar-registrazzjoni tieghu, li pero' baqghu qatt ma gew iffirmati jew registrati. Huwa ddikjara li, skond il-ftehim, l-Intimat irrizenja minn direttur tal-kumpanija f'Settembru 2019.

---

[4] Ara fol. 59 sa 60 u l-verbali tal-udjenzi sussegwenti li juru li la dehru huma u lanqas l-avukat taghhom
[5] Ara xiehda li nstemghet fis-seduta tal-4 ta' Lulju 2023
[6] Indikata erroneament fit-traskrizzjoni tax-xiehda bhala 'SMK'

**Ikkunsidrat ukoll li:**

10. L-**art. 253(e)** tal-Kap. 12, li tahtu qed issir din il-procedura, jipprovdi kif gej:

> Huma titoli esekuttivi:
>
> ...../.....
>
> (e) kambjali u promissory notes maħruġa skont il-Kodiċi tal-Kummerċ:
>
> B'dan iżda illi l-qorti kompetenti skont il-valur tal-kambjala jew promissory note tista', b'digriet li ma jkunx appellabbli, tissospendi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew promissory note kollha jew f'parti minnha u sew suġġett għal garanzija kif ukoll mingħajrha, fuq rikors tal-persuna li tkun qed topponi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew promissory note kif fuq imsemmi, u li għandu jsir fi żmien għoxrin jum min-notifika tal-ittra uffiċjali li tintbagħat biex tirrendi l-istess kambjala jew promissory note esegwibbli, minħabba illi l-firma fuq dik il-kambjala jew promissory note ma tkunx tagħha jew tal-mandatarju tagħha jew fejn dik il-persuna tressaq raġunijiet oħra gravi u validi biex topponi dik l-eżekuzzjoni u f'dak il-każ biex persuna tesiġi l-ħlas ta' dik il-kambjala jew promissory note tkun trid tipproċedi b'kawża skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ.
>
> L-ittra uffiċjali msemmija aktar 'il fuq f'dan il-proviso għandha, taħt piena ta' nullità, tavża lid-debitur bid-dritt mogħti lilu minn dan il-proviso;

11. Din id-disposizzjoni kienet introdotta fil-ligi taghna bl-**art. 9** tal-*Att X tal-2004*, li dwarha gie spjegat dan fid-dibattiti parlamentari:

> *Fit-tieni miżura li qed nagħmlu qed inħarsu lejn il-kambjala. Oriġinarjament meta l-kambjala daħlet parti mill-kodiċi tal-kummerċ - wieħed irid jgħid li xi 80 sena ilu, meta sar l-ewwel kodiċi tal-kummerċ għal pajjiżna, kien wieħed minn fost l-ewwel kodiċijiet tal-kummerċ li saru fl-Ewropa - il-ħsieb kien li l-qorti tal-kummerċ tkun qorti li tħaffef il-proċeduri. U*

*ladarba l-qorti tal-kummerċ tħaffef il-proċeduri l-kawżi li huma tal-kambjala jistgħu jinqatgħu malajr.*

*Fil-fatt f'dak il-kodiċi tal-kummerċ tant kellhom f'moħħhom li l-kawżi quddiem il-qorti tal-kummerċ jinqatgħu malajr li kienu daħħlu artiklu li jgħid li min irid jikkontesta l-kambjala jista' jagħmilha billi jiddepożita l-flus il-qorti u mbagħad jipproċedi sabiex jikkontesta l-kambjala.*

*Illum is-sitwazzjoni hija li l-kambjala ġiet ma tfisser kważi xejn għax anke jekk għandek kambjala f'idejk trid tagħmel kawża u allura l-fattura tal-bejgħ u l-kambjala ġew qishom fuq l-istess livell. Allura hawnhekk qegħdin ngħidu li jekk xi ħadd iffirma kambjala, skond il-liġi kambjala hija strument finanzjarju effiċjenti, qisha valuta, u allura għandna nipprovaw nagħtuha speed. U allura xi speed qed nagħtuha? Qegħdin ngħidu li jekk tintbagħat ittra uffiċjali - din l-ittra uffiċjali tkun magħmula minn avukat u tiġi ppreżenatata l-qorti, imbagħad tiġi esegwita mill-marixxall jew bil-proċedura solita tal-qorti - din tiġi ppreżentata u l-kambjala fi żmien jumejn issir titolu eżekuttiv.*

*Din m'hijiex xi ħaġa ġdida - ilha teżisti f'numru ta' kodiċijiet għal 20 sena, 25 sena u f'uħud minnhom anke 30 sena - u hija xi ħaġa li tagħmel il-ġid fil-kummerċ. Tagħmel il-ġid lis-small and medium sized enterprises u tagħmel il-ġid lin-negozjanti kollha għax il-likwidita` hija importanti, u iktar ma jkun hemm likwidita` tan-negozju iktar in-negozjant ikun jista` jbigħ u jixtri u iktar ikun jista' jaħdem u jħaddem nies miegħu. Allura aħna qiegħdin ngħidu li huwa importanti li l-kambjala nerġgħu nagħtuha l-valur u s-sens kummerċjali tagħha u nerġgħu nġibuha fuq il-livell ta' titolu eżekuttiv, jiġifieri tiswa daqs sentenza wara li wieħed jibgħat ittra uffiċjali u dik l-ittra uffiċjali tiġi notifikata l-parti l-oħra.*

*Hawnhekk irrid ngħid ukoll li din il-proċedura hija l-istess proċedura li hija wżata llum għal meta xi ħadd jagħmel kuntratt pubbliku li fih ikun intrabat li għandu jagħti xi ħaġa tal-flus. F'kuntratt pubbliku fejn wieħed igħid li għandu jieħu xi ħaġa tal-flus tista' ssir din l-ittra uffiċjali wkoll.*[7]

[7] Diskors tal-Onor. Carmelo Mifsud Bonnici fis-seduta plenarja tal-Parlament tas-16 ta' Gunju 2004, seduta numru 140, traskrizzjoni f'pagni 859-860, https://parlament.mt/en/10th-leg/plenary-session/ps-140-16062004-0600-pm/

12. Dan l-ispirtu ta' heffa ghat-twettiq tal-hlas ta' kambjala, bhala dokument ta' titolu fl-isfera tal-kummerc, kif infurzat b'din iz-zieda fil-ligi, u bir-restrizzjoni tal-kontestazzjoni dwar l-ezekuzzjoni taghha ghaz-zewg ragunijiet tassattivament elenkati fid-disposizzjoni rilevanti, gew imfissra b'mod mill-aktar car, fi procediment skond din l-istess disposizzjoni, u ghalhekk bhal dak odjern, mill-Qorti tal-Appell, fis-sentenza **Windsor Company Limited vs Sovereign Hotels Limited**[8]. Proprju ghaliex din il-Qorti tikkondividi ghal kollox ir-ragunament tal-Qorti tal-Appell, u r-rassenja gurisprudenzjali kif moghtija minnha f'din is-sentenza, qed taghmel taghha s-segwenti motivazzjonijiet hemm maghmula:

> *13. Ghandu jinghad mal-ewwel li kif jinghad mis-socjeta` appellanti, il-procedura kkontemplata fl-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12* ***hija wahda specjali fejn il-Qorti hija mitluba li tivverifika fuq bazi ta' prima facie jekk ic-cirkostanzi partikolari imsemmija fl-istess provvediment u cioe` (I) jekk ilfirma fuq il-kambjala jew promissory note ma tkunx ta' min ikun qieghed jopponi ghall-ezekuzzjoni taghha jew tar-rapprezentant tieghu; jew (II) li jkunu jezistu ragunijiet ohra gravi u validi sabiex issir oppozizzjoni ghal dik l-ezekuzzjoni. Il-verifika li ghandha ssir minghajr ma jsir stharrig dwar il-mertu tal-kontestazzjoni bejn il-partijiet jew xi kwistjoni li tolqot is-siwi tal-kambjala nnifisha jew tal-obbligazzjonijiet reciproci bejn il-partijiet u dan ghaliex l-istharrig tal-mertu jmissu jsir fil-kawza li jkollha titressaq mill-kreditur f'kaz li l-Qorti tilqa' it-talba ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni talkambjala.***[9] *Wara kollox, il-kambjala nnifisha hija prova tad-dejn li jkun inholoq u l-emenda li saret bid-dhul fis-sehh tal-Att IX tal-2004 li bih il-kambjala saret titolu ezekuttiv, kienet intiza sabiex tevita azzjonijiet inutili fejn l-eccezzjonijiet tal-konvenut huma fi kwalsiasi kaz ferm limitati.*
>
> …
>
> *17. Ghalkemm l-Artikolu 198 tal-Kap 13 jippermetti li f'azzjoni kambjarja jsiru eccezzjonijiet ta' natura personali f'kazijiet fejn il-kambjali ma jkunux gew girati, tali eccezzjonijiet huma limitati. Fis-sentenza talQorti tal-Kummerc, tal-15 ta' Novembru, 1993 (Kollez. Vol. LXXVII.IV.353), fil-kawza fl-ismijiet* ***Charles Gatt nomine v.***

[8] Rik. Nru. 239/2008AF, deciza fis-27 ta' Jannar 2021
[9] Enfasi ta' din il-Qorti

***Joseph Vassallo Gatt nomine**, b'riferenza ghall-Artikolu 198 tal-Kap. 13 irriteniet li huwa evidenti li l-legislatur jrid li kawzi bbazati fuq kambjali jitmexxew u jigu decizi b'heffa u ghalhekk huma biss ammissibbli eccezzjonijiet li ma jkunux jehtiegu ezami fit-tul:*
*"Huma biss ammissibbli eċċezzjonijiet li jkunu ta' faċli soluzzjoni. Eċċezzjonijiet li jinħtieġu eżami fit-tul ma jistgħux jingħataw u jekk dawn jingħataw dawn ma jiġux ikkonsiderati u deċiżi fl-istess kawża kambjarja, billi diversament il-kanonizzazzjoni u l-ħlas talimport tal-kambjali jkun konsiderevolment ittardat u mtawwal. Dan mhux permess għax altrimenti jintilef l-iskop kollu tal-istitut kambjarju li hu li jaġevola ċ-ċirkostanzi mgħaġġla tal-krediti kummerċjali."*
*Gialadarba l-eccezzjonijiet li wiehed jista' jressaq fl-azzjoni kambjarja huma limitati, daqstant iehor huma limitati r-ragunijiet li ghalihom wiehed jista' jitlob is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjala. Kif inghad qabel, il-procedura ghas-sospenzjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjala taht l-Artikolu App. Civ. 239/08 16 253(e) hija fil-fatt ferm rigoruza u applikabbli biss: (i) meta l-firma fuq ilkambjala ma tkunx verament tal-persuna li allegatament iffirmatha (li mhux il-kaz), jew (ii) meta jkun hemm ragunijiet ohra gravi u validi li jiggustifikaw tali sospensjoni (kif jinghad li jirrizulta fil-kaz in ezami).*
*18. Il-ligi ma taghtix definizzjoni ta' x'inhuma r-ragunijiet gravi u validi sabiex issir oppozizzjoni, izda kif inghad drabi ohra, hija l-fehma tal-Qrati li dan sar mhux b'xi nuqqas tal-legislatur, izda intenzjonalment peress li l-legislatur ried ihalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti f'liema kazijiet ikollha quddiemha l-Qorti ghandha tilqa' it-talba jew le peress li kull kaz irid jigi ezaminat fic-cirkostanzi partikolari tieghu.*
*19. Il-gurisprudenza tixhet dawl b'ezempji ta' cirkostanzi differenti fejn giet analizzata t-terminologija ta' ragunijiet "gravi u validi". Hekk per ezempju, iI-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Michael Attard Ltd v. Turista Ltd** deciza fit-22 ta' Novembru, 2012, osservat illi dawn irragunijiet "gravi u validi" li jiggustifikaw is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni talkambjali ma jistghux ikunu usa' mir-ragunijiet ikkontemplati mil-ligi kummercjali biex izommu milli l-kambjala tithallas:*
*"Illi l-Qorti hija tal-fehma li tali raġunijiet gravi u validi ma jistgħux ikunu usa' mir-raġunijiet maħsubin mil-liġi speċjali – il-Kodiċi talKummerċ – biex iżommu milli kambjala titħallas. Lanqas ma hija tal-fehma li fi proċedura bħalma hija din tal-*

*lum, il-Qorti tistħarreġ il-mertu ta' xi kwistjoni li tolqot is-siwi tal-kambjala nnifisha jew tal-obbligazzjoni li fiha titnissel, liema stħarriġ jidher li jmissu jsir f'kawża li titressaq speċifikatament għal dan il-għan. Kulma trid il-liġi f'din il-proċedura hu li l-Qorti tara jekk hemmx raġunjiet serji biżżejjed biex tissospendi l-esekuzzjoni tal-kambjala jew talpromissory note li tkun";*

*20. Mentri fis-sentenza tat-3 ta' Frar, 2012, fil-kawza fl-ismijiet* ***Ian Pecorella v. Sovereign Caterers Ltd****, din il-Qorti kkunsidrat li jekk kemm-il darba jintwera mad-daqqa t'ghajn li l-kambjala tkun inharget bi vjolenza jew tkun saret ghal ghanijiet li jiksru xi ligi, dawn ic-cirkostanzi jistghu jitqiesu gravi bizzejjed sabiex iservu halli titwaqqaf l-ezekuzzjoni taghhom, sakemm l-azzjoni ghat-thassir tal-istess kambjali tkun tista' titressaq u tkun mistharrga mill-Qorti. Hekk ukoll fir-rigward tar-ragunijiet "gravi u validi" li jsemmi l-Artikolu 253(e), il-Prim Awla tal-Qorti Civili fissentenza taghha tal-5 ta' Frar, 2008, fl-ismijiet* ***Giovanni Briffa v. Ronald Azzopardi****, citata mill-ewwel Qorti, fejn intlaqghet talba ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjala ghar-raguni li kienet allegata uzura. F'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti tat-12 ta' Lulju, 2019, fil-kawza flismijiet* ***Dr. Ivan Gatt nomine v. Antoine Bartolo*** *fejn il-Qorti laqghet ittalba ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni ta' promissory note minhabba allegata simulazzjoni.*

**Ikkunsidrat ukoll li:**

13. Din il-Qorti ma tistax, qabel kull kunsiderazzjoni ta' ligi, ma tinnotax l-imgieba tar-Rikorrenti f'dan il-procediment. Ghalkemm ir-Rikors gie intavolat fit-30 ta' Novembru 2021, u appuntati immedjatament, minn din il-Qorti diversament presjeduta ghat-2 ta' Dicembru 2021[10], in-notifika lill-Intimat bil-purtier, mat-tieni tentattiv, saret fit-3 ta' Mejju 2022. Wara li l-avukat tar-Rikorrenti rrinunzja ghall-patrocinju taghhom fil-25 ta' Mejju 2022, ir-Rikorrenti pprezentaw affidavit ta' wiehed minnhom fl-14 ta' Lulju 2022, u wara dakinhar la dehru aktar ghas-smigh tal-procediment, u lanqas baghtu lil min jirraprezentahom. Sahansitra baqghu mhux notifikati bit-tahrika biex jidhru sabiex jixhdu fuq talba tal-Intimat, u la xehdu ulterjorment, u lanqas sarilhom il-kontroezami minhabba f'hekk. Min-naha tieghu, l-Intimat kreditur ipprezenta Risposta spjegata u motivata, u mbaghad ressaq il-provi in sostenn taghha, u biex jikkuntradici d-

[10] Fol. 7

dikjarazzjonijiet ta' fatt maghmula fl-affidavit tar-rikorrent Saviour Muscat.

14. Ventilat dan u mill-ottika legali, l-kambjala mertu ta' dawn il-proceduri, skond il-kopja li ressaq l-Intimat[11], kienet iffirmata miz-zewg Rikorrenti, favur l-Intimat, ghall-hlas tas-somma ta' €50,944.19 (hamsin elf disa' mija u erbgha u erbghin Ewro u dsatax-il centezmu), u li kienet taghlaq fit-30 ta' Settembru 2019. Ir-Rikorrenti ma jichdux li l-firem li jidhru fuq il-kambjala huma taghhom, kif ma jichdux ukoll li ffirmaw l-iskrittura ezibita minnhom stess mal-att promotur. Din tikkonferma li s-somma dovuta bil-kambjala tirraprezenta rimbors ta' Shareholder's Loan, li l-Intimat kien ta lill-kumpanija S & K Watersports Ltd (C81678), li l-partijiet qablu li l-azzjonijiet, u l-kontroll taghha, inkluz l-assi li kienet tipposjedi, kellhom jigu jvestu esklussivament fir-rikorrent Salvatore Muscat.

15. Ir-Rikorrenti ma kkontestawx li l-Intimat effettivament reha l-kontroll shih ta' din il-kumpanija, anzi r-rikorrent Saviour Muscat jaccetta li Keith Davis Pace irrizenja minn direttur tal-kumpanija. Lanqas ma cahdu li l-assi li kienet tippossjedi l-kumpanija ghaddew ghandhom, u li huma ghamlu uzu, jew iddisponew minnhom, kif ghazlu huma. L-unici zewg oggezzjonijiet ta' fatt li ressqu r-Rikorrenti ghall-ezekuzzjoni ta' din il-kambjala kienu li (i) l-ishma tal-kumpanija li l-Intimat trasferixxa lir-rikorrent Salvatore Muscat baqghu ma gewx registrati f'ismu mar-Registratur tal-Kumpanniji; u (ii) il-partijiet kienu qablu li jinnegozjaw u jiftiehmu dwar l-ammont dovut, u kif kellu jithallas, fi ftehim li kellu jkun redatt u ffirmat quddiem Nutar, u li qatt ma sehh bi htijiet tal-istess Intimat.

16. Mill-provi skarsi prodotti, din il-Qorti tghid, bla tlaqliq, li dawn l-oggezzjonijiet tar-Rikorrenti mhux talli ma kienux pruvati, anzi huma kuntrarjati bil-kitba li ffirmaw huma stess, datata 2 ta' Lulju 2019, u msejha *'Share Transfer Agreement'*, li kopja taghha kienet prezentata minnhom stess mal-att promotur. Din il-Qorti zzid li l-istess oggezzjonijiet ghandhom aktar mill-fieragh u l-vessatorju, meta wiehed iqis li l-assjem tal-provi juri, fuq bilanc ta' probabiltajiet, li r-registrazzjoni tat-trasferiment tal-ishma baqghet ma sehhitx minhabba t-tkaxkir tas-saqajn tar-Rikorrenti nfushom, u mhux tal-Intimat, u li effettivament ir-Rikorrenti mhux biss

[11] Fol. 27

hadu kontroll esklussiv tal-kumpannija S & K Watersports Limtied (C81678) minghand l-Intimat, imma anke tal-assi u n-negozju taghha u mexxewh, ghal snin shah, kif dehrilhom huma u ghall-vantagg esklussiv taghhom.

17. Konsegwentement, ebda wahda miz-zewg ragunijiet tassattivament elenkati fid-disposizzjoni li fuqha sar dan il-procediment ma tirrizulta pruvata.

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha, din il-Qorti qieghda tilqa' l-oggezzjonijiet fir-Risposta intavolata mill-Intimat Keith Davis Pace, u tichad it-talba tar-Rikorrenti Muscat ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjala annessa mal-ittra ufficjali tat-2 ta' Awissu 2021 numru 3204/2021.

L-ispejjez jithallsu mill-istess Rikorrenti Muscat.

**Onor. Dr. Giovanni M Grixti**
**Imħallef**

**Nicole Cini**
**Deputat Reġistratur**